# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**
**Lee Camilleri**

**Illum:3 ta` Frar, 2025.**

**Il-Qorti**
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Lee Camilleri ID 339793 M bin Eugenio u Jane nee Deguara mwieled fil-29/07/1993 u joqghod 87 Triq il-Pont Mosta talli fil-04 t'Awissu 2020 ghall-habta ta' 20:00 hrs fi Triq Zejtun Marsaxlokk soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni JPM105

1. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta Mathew Maria Piscopo.
2. U aktar meta b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mathew Maria Piscopo skond kif iccertifika Dr Anton Bugeja MD mill-MDH.

3. U aktar meta soqt l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza.

Il-prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji tieghek kollha tas-sewqan.

Matthew Maria Piscopo irtiral-kwerela rigwardanti  l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.
Rat l-art 328(d) tal-Kap 9, Art 15 (1) (a)(2) Tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni
Semghet ix-xhieda tal-imputat
Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha u l-provi kollha
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Matthew Mario Piscopo** xehed dwar id-dinamika tal-incident li sehh fl-4 ta Awwissu, 2020 go Triq iz-Zejtun Marsaxlokk u ideskriva kif l-imputat qasam minn quddiemhu biex jidhol go triq laterali.

**Lee Camilleri** xehed dwar kif qasam bil-vettura tieghu ghal go Triq laterali.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel u t-tieni imputazzjonjijiet , procediment ezawriet stante li l-kwerela giet irtirata min Matthew Mario Piscopo.

Rigwardanti t-tielet imputazzjoni ma hemmx prova li s-sewqan tal-imputat kien wiehed perikoluz. Inkonsult, iva, imma mhux perikoluz.

**Decide**

Rat l-art 328(d) tal-Kap 9, Art 15 (1) (a)(2) Tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghal dawn il- motivi ma ssibx lil Lee Camilleri hati tal-ebda wahda mill-imputazzjonijet u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**